MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 37/2003

**Pater Finance Co. Ltd**

**vs**

**John Formosa u martu Monique Formosa**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u hamsa u tmenin Lira Maltin (LM1685) rappresentanti import ta' seba' (7) kambjali, wahda ta' mija u hamsa u tmenin Lira Maltin (LM185) u sitta ta' mitejn u hamsin Lira Maltin (LM250)-il wahda, debitament accettati u skaduti minn Lulju tas-sena 2002 sa Jannar tas-sena 2003 rispettivament u mhux imhallsa, hawn annessi**

**bhala dokumenti numri minn 1 sa 7 konsekuttivament u inklusivament;**

**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta’ kull kambjala li sas-16 ta’ Jannar, tas-sena 2003 jammontaw ghal sebgha u erbghin Lira Maltin (LM47), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-konsult legali sitt Liri Maltin (LM6), kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta’ riduzzjoni tas-socjeta’ attrici datata 25 ta’ Marzu tas-sena 2003 li permezz taghha s-socjeta’ attrici rriduciet it-talba ghas-somma ta’ elf erba’ mija u sebgha u tmenin Lira Maltin (LM1487) bl-imghax mit-18 ta’ Jannar tas-sena 2003, bl-ispejjez.**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fil-25 ta’ Marzu tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif ridotta, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi mit-18 ta’ Jannar tas-sena 2003 kontra l-konvenuti.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------